MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 841/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo detentur tal-karta tal-identita` numru 18087(M).

Akkuzat talli fit-8 ta’ Lulju, 2012 ghall-habta ta’ bejn it-8:15hrs u 9:20hrs minn gewwa Casa Sant’ Anna li tinsab gewwa, Triq il-Wirt Naturali, Naxxar:

Flimkien ma’ persuna ohra ikkometta serq ta’ diversi oggetti fosthom apparat tal-computer u flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn u

tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda jeccedi l-mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta’ Caritas u/jew persuna/i ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat huma ta’ anqas minn 116.47 Euros (hamsin lira Maltin) ghad-dannu ta’ Caritas u/jew persuna/i ohra;

sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikol1 279(a), 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 qeghda isib lill-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jabob Mamo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal seba’ (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------